MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Numru. 669/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Abdel Moutaleb Ali Farhat imwieled il-Libja fis-26 ta' Novembru, 1968 u residenti Flat 2, Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex,
detentur tal-karta tal-identita' numru 175299(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Abdel Moutaleb Ali Farhat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer meta hekk ordnat mill-Qorti, naqas milli jissomministra lil martu Fiona Farha il-manteniment lilu ordnat li jhallas b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sezzjoni tal-Familja datat

17.06.2009 ghal uliedhom minuri fi zmien hmistax-il jum li fih skont dik l-ordni kellu jhallas is-somma ta’ €140 fix-xahar u dan ghax-xhur ta’ bejn 19.02.2009 sa 19.07.2009 fit-terminu moghti mill-Ligi:

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta illi l-akkuza giet ampjament ippruvata u ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati u tikkundannah ammenda ta’ hamsin ewro (€50).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------